

Brussell, 18 ta' Settembru 2025
(OR. en)

13016/25

ASIE 34	RECH 401
COASI 105	FIN 1083
CFSP/PESC 1355	AG 138
RELEX 1194	POLMIL 269
ENER 449	POLCOM 249
ENV 860	DIGIT 178
CLIMA 349	AGRI 435
DEVGEN 153	TRANS 393
ECOFIN 1211	EDUC 359
COMPET 895	MIGR 298

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	JOIN(2025) 50 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar Aġenda Strateġika Ġdida UE-Indja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument JOIN(2025) 50 final.

Mehmuż: JOIN(2025) 50 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 17.9.2025
JOIN(2025) 50 final

**KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar Aġenda Strateġika Ġdida UE-Indja

KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA DWAR AĠENDA STRATEĠIKA ĠDIDA UE-INDJA

Iż-żjara tal-Kulleġġ tal-Kummissarji fl-Indja fi Frar 2025 wittiet il-pedament għal kapitolu ġdid fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Indja. Matul din iż-żjara storika – l-ewwel waħda tat-tip tagħha fl-Indo-Paċifiku – iż-żewġ naħat **impenjaw ruħhom li jwasslu s-Sħubija Strateġika għal livell ogħla** biex tingħata spinta lill-prosperità kondiviża, tissaħħaħ is-sigurtà, u jiġu indirizzati l-isfidi globali ewlenin flimkien.

Din il-Komunikazzjoni Konġunta tistabbilixxi aġenda strateġika komprensiva li tapprofondixxi, twessa', u tikkoordina aħjar il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Indja – li twassal għal **riżultati reċiprokament vantaġġużi u trasformattivi** għaż-żewġ sħab u għall-bqija tad-dinja.

L-IMPORTANZA TAS-SĦUBIJA STRATEĠIKA UE-INDJA

L-Indja, l-akbar demokrazija fid-dinja u l-ekonomija ewlenija li qed tikber bl-aktar rata mgħaġġla, hija **sieħeb vitali għall-UE**. L-UE tilqa' l-avvanz tal-Indja bħala potenza globali, li toħloq opportunitajiet ġodda għal kooperazzjoni strateġika. Is-suċċess tal-Indja huwa ta' benefiċċju għall-UE, hekk kif is-suċċess tal-UE huwa ta' benefiċċju għall-Indja.

B'aktar minn biljun persuna fl-età tax-xogħol u età medjana ta' 31 sena, l-Indja mistennija **ssir it-tielet l-akbar ekonomija fid-dinja sal-2030**. Bħala ċentru tal-manifattura u tat-teknoloġija li qed jespandi malajr, tospita 45 % taċ-ċentri ta' kapaċità globali u tinvesti ħafna f'teknoloġija mill-aktar avvanzata. L-Indja hija **parti kkonċernata ewlenija fil-multilateraliżmu u fil-governanza globali**. Hija kontributur ewlieni għaż-żamma tal-paċi tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) u l-akbar produttur tal-vaċċini fid-dinja. It-tielet l-akbar emittent ta' gassijiet serra, diġà laħqet il-50 % tal-kapaċità tal-elettriku installata minn sorsi mhux fossili. L-Indja qed tassumi wkoll rwol ta' sigurtà dejjem akbar fl-Oċean Indjan u fir-reġjun Indo-Paċifiku usa'.

F'ambjent ġeopolitiku u ġeoekonomiku dejjem aktar kumpless, **kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-UE u l-Indja hija aktar importanti minn qatt qabel**. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, flimkien mal-ksur reċenti tal-ispazju tal-ajru tal-Unjoni, joħlqu theddida eżistenzjali għas-sigurtà Ewropea. Huwa ta' importanza kbira għall-UE li jitneħħa kwalunkwe faċilitar tal-gwerra.

L-Ewropa u l-Indo-Paċifiku huma interkonnessi ħafna, iffaċċjati minn ambizzjonijiet imperjali u tensjonijiet reġjonali — inkluż fl-Istrett tat-Tajwan, fil-Baħar taċ-Ċina tan-Nofsinhar u fil-Baħar l-Aħmar — li jheddu l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli, kif ukoll is-sigurtà u l-prosperità taż-żewġ reġjuni. Dan huwa partikolarment rilevanti peress li l-**UE għandha preżenza ġeografika fl-Indo-Paċifiku** permezz tar-reġjuni ultraperiferiċi tagħha¹. L-użu tad-dipendenzi bħala arma, il-prattiki kummerċjali unilaterali, u t-twessigħ tal-assimetriji ekonomiċi jkomplu jdgħajfu l-istabbiltà globali.

¹ Ir-reġjuni ultraperiferiċi ta' La Réunion u Mayotte, u l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej (OCTs, Overseas Countries and Territories) it-Territorji Franċiżi tan-Nofsinhar u tal-Antartika, New Caledonia, Wallis u Futuna, u l-Polineżja Franċiża.

F'dan ix-xenarju globali frammentat, l-UE u l-Indja huma **sħab strateġiċi naturali** impenjati li jsaħħu l-kooperazzjoni fi spettru wiesa'. Flimkien, it-tnejn jirrappreżentaw kważi kwart tal-prodott domestiku gross u l-popolazzjoni globali u għandhom il-**kapaċità u r-responsabbiltà li jsawru l-eżiti globali**: id-difiża tal-valuri demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġlieda kontra l-espansjoni territorjali illegali u t-theddid ibridu, il-promozzjoni tat-tkabbir inklużiv, l-avvanz tal-azzjoni klimatika u tal-bijodiversità, is-sigurtà globali tal-ikel u tas-saħħa, u l-aċċellerazzjoni tal-progress fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs, Sustainable Development Goals) tan-NU.

Iż-żieda tas-Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Indja għal livell ogħla hija prijorità strateġika. L-UE u l-Indja għandhom il-potenzjal u d-determinazzjoni li jsawru waħda mis-sħubijiet li jiddefinixxu s-seklu 21. Filwaqt li l-UE u l-Indja mhux dejjem tal-istess opinjoni, din is-sħubija hija mirfuda minn **interessi konverġenti, punti b'saħħithom komplementari, u rieda politika kondiviża**, u tista' twassal għal impatt reali għan-nies fiż-żewġ reġjuni u lil hinn minnhom.

L-UE u l-Indja huma demokrazzi pluralistiċi impenjati lejn l-awtonomija strateġika, ir-reżiljenza ekonomika, u l-istabbiltà internazzjonali. Sħab affidabbli u li għandhom l-istess prinċipji, it-tnejn li huma **jappoġġaw ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli** ankrat fir-rispett tas-sovrani, multilateraliżmu effettiv, u kooperazzjoni miftuħa u prevedibbli. Bħala sħab kummerċjali ewlenin, it-tnejn li huma għandhom interess li jaħdmu flimkien biex jindirizzaw id-distorsjonijiet kummerċjali globali, inaqqsu d-dipendenza żejda fuq xi sieħeb wieħed, u jippromwovu d-diversifikazzjoni tal-kummerċ.

L-UE u l-Indja huma **sħab li jappoġġaw lil xulxin b'mod reċiproku**. Il-punti b'saħħithom tal-Ewropa fil-kummerċ, fil-kapital u fl-innovazzjoni jikkomplementaw il-vantaġġ demografiku, id-dinamiżmu tas-suq u l-kapaċitajiet teknoloġiċi tal-Indja. Flimkien, il-*Kumpass tal-Kompetittività* tal-UE u l-inizjattiva *Atmanirbhar Bharat* tal-Indja jipprovdu pedament sod għal kooperazzjoni aktar profonda dwar il-kummerċ, is-sigurtà ekonomika, u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Permezz tal-ġarfien espert regolatorju, l-aċċess għas-suq uniku, u l-innovazzjoni konġunta, l-UE tappoġġa t-tkabbir inklużiv u sostenibbli tal-Indja – allinjat mal-viżjoni tal-Indja li ssir pajjiż żviluppat sal-2047. Il-*Global Gateway* tal-UE u r-rwol dejjem jikber tal-Indja bħala sieħeb għall-iżvilupp jistgħu jamplifikaw l-impatt tal-investimenti f'pajjiżi terzi.

Sittin sena wara l-istabbiliment ta' rabtiet diplomatiċi – u abbażi ta' aktar minn 30 sena ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-Indja u 20 sena ta' Sħubija Strateġika – iż-żewġ naħat jibqgħu impenjati li jsaħħu s-sħubija. L-Indja hija **prijorità ċara tal-politika barranija għall-UE u l-Istati Membri tagħha**. L-istadji importanti reċenti, inkluża ż-żjara tal-Kulleġġ tal-Kummissarji, enfasizzaw l-ambizzjoni tal-UE li taħdem aktar mill-qrib u b'mod effettiv mal-Indja bħala sieħeb ewlieni fl-Indo-Paċifiku. Iż-żjara wasslet ukoll għal ftehimiet konkreti kif rifless fid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Mexxejja².

Il-Komunikazzjoni Konġunta tiffoka fuq l-approfondiment **tal-kooperazzjoni** f'oqsma stabbiliti, **impenn akbar** f'setturi ġodda kemm fil-livell bilaterali kif ukoll f'dak multilaterali,

² https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/statement_25_647

u **t-titjib tal-koordinazzjoni** biex jiġu żgurati gwida aktar b'saħħitha, implimentazzjoni effettiva, u konsistenza akbar.

Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli jipproponu l-istrutturar tal-aġenda strateġika l-ġdida bejn l-UE u l-Indja madwar il-ħames pilastri ta' hawn taħt.

1. **PROSPERITÀ U SOSTENIBBILTÀ**: spinta lill-kummerċ u l-investment; it-tisħiħ tal-ktajjen tal-provvista u s-sigurtà ekonomika; u l-avvanz tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u r-reżiljenza.
2. **TEKNOLOĠIJA U INNOVAZZJONI**: l-appoġġ għal teknoloġiji emerġenti kritiċi; l-avvanz ta' ambjent diġitali favorevoli; u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni fir-riċerka.
3. **SIGURTÀ U DIFIŻA** tisħiħ tal-impenn tas-sigurtà reġjonali; il-ġlieda kontra t-theddidd tradizzjonali u ibridu; u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni industrijali fil-qasam tad-difiża.
4. **KONNETTIVITÀ U KWISTJONIJIET GLOBALI**: it-tisħiħ tal-konnettività reġjonali; il-promozzjoni tal-kooperazzjoni f'pajjiżi terzi; u t-tiswir ta' governanza globali effettiva.
5. **FAĊILITATURI TAL-PILASTRI KOLLHA**: l-espansjoni tal-mobbiltà tal-ħiliet; il-promozzjoni tal-fehim reċiproku; l-involviment tal-komunitajiet tan-negozju; u t-tisħiħ tal-arkitettura istituzzjonali.

1. PROSPERITÀ USOSTENIBBILTÀ

Fid-dawl tal-inċertezza ekonomika globali, il-vulnerabbiltajiet tal-katina tal-provvista, u l-pressjoni fuq is-sistema kummerċjali bbażata fuq ir-regoli, kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-UE u l-Indja hija vitali. Flimkien, iż-żewġ sħab jistgħu jixprunaw it-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, l-iżvilupp industrijali, u s-sigurtà ekonomika filwaqt li javvanzaw id-dekarbonizzazzjoni, iċ-ċirkolarità, u tranżizzjoni nadifa ġusta biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, tiżdied is-sigurtà tal-enerġija u tal-ikel, jitnaqqas it-tniġġis, u tiġi protetta l-bijodiversità. L-Indja tista' tagħti spinta lill-kompetittività u r-reżiljenza tal-UE, filwaqt li l-UE tista' tappoġġa l-ambizzjonijiet tal-manifattura u tal-iżvilupp reġjonali tal-Indja, filwaqt li tiżgura li l-prosperità u s-sostenibbiltà jimxu id f'id.

a) Spinta lill-kummerċ u l-investment

L-UE hija **l-akbar sieħeb kummerċjali tal-Indja**, filwaqt li l-Indja hija **l-akbar sieħeb tal-UE fin-Nofsinhar Globali**. Fl-2024, il-kummerċ bilaterali fil-merkanzija laħaq EUR 120 biljun - żieda ta' kważi 90 % matul l-aħħar għaxar snin. Il-kummerċ fis-servizzi jżid EUR 60 biljun oħra. **Madwar 6 000 kumpanija Ewropea** joperaw fl-Indja, u jimpjegaw direttament 3 miljun persuna u jappoġġaw miljuni ta' impjiegi aktar indirettament, u b'hekk l-UE hija waħda mill-akbar investituri fl-Indja. L-investment dirett barrani tal-UE fl-Indja laħaq EUR 140 biljun fl-2023 – kważi rdoppja f'ħames snin – filwaqt li l-kumpaniji Indjani qed iżidu l-preżenza tagħhom fl-UE, inkluż permezz ta' investimenti f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

Minkejja dan il-progress, **għad hemm potenzjal sinifikanti mhux sfruttat**. L-Indja tirrappreżenta inqas minn 2,5 % tal-kummerċ tal-UE f'oġġetti u servizzi, u l-investment Indjan fl-UE jammonta biss għal EUR 10 biljun. L-ostakli ewlenin fl-Indja jinkludu tariffi għoljin, u

miżuri interni li jirrestrinġu l-kompetizzjoni tal-importazzjoni, jillimitaw l-investment dirett barrani, u jillimitaw l-opportunitajiet ta' negozju fuq iż-żewġ naħat. Konverġenza regolatorja u trasparenza msaħħa, ċertezza legali, Prattiki kummerċjali ġusti, sikurezza tal-prodotti, u sostenibbiltà korporattiva jgħinu biex jinħoloq ambjent tan-negozju aktar favorevoli. Priorità ewlenija hija l-ġenerazzjoni ta' opportunitajiet ta' impjieg deċenti, b'mod partikolari għan-nisa.

Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (**FTA, Free Trade Agreement**) bejn l-UE u l-Indja li jnaqqas b'mod sostanzjali l-ostakli tariffarji u mhux tariffarji jiftaħ flussi kummerċjali u ta' investment ewlenin, u jikklassifika bħala wieħed mill-akbar ftehimiet tat-tip tiegħu globalment. Dan jiżgura li n-negozji Indjani u Ewropej ikunu jistgħu jaħsdu l-benefiċċji ta' skambji stabbli u bbażati fuq ir-regoli, ktajjen tal-provvista aktar integrati u swieq tal-esportazzjoni ġodda, li jappoġġaw id-diversifikazzjoni tal-kummerċ. Il-FTA għandu jikkombina aċċess imtejjeb għas-suq ma' regoli ċari, sempliċi, prevedibbli u infurzabbli, kif ukoll dispożizzjonijiet robusti dwar l-iżvilupp sostenibbli. Iż-żewġ naħat għandhom l-għan li **jikkonkludu n-negozjati sa tmiem l-2025**.

L-UE u l-Indja għandhom jimmiraw li jikkonkludu mingħajr dewmien **Ftehim ta' Protezzjoni tal-Investment (IPA)** li jipprovdi standards għoljin ta' protezzjoni għall-investituri fuq iż-żewġ naħat. B'mod parallel, l-UE se timpenja ruħha mal-Indja biex tippromwovi **swieq finanzjarji** internazzjonali stabbli, reżiljenti u integrati sew. Dan jinkludi kooperazzjoni msaħħa dwar is-superviżjoni finanzjarja – meta Memorandum ta' Qbil bejn l-awtoritajiet indipendenti rispettivi dwar **l-ikklerjar** ikun għodda importanti biex tinżamm l-istabbiltà finanzjarja – kif ukoll dwar il-promozzjoni ta' standards miftiehma internazzjonalment kontra l-ħasil tal-flus. Flimkien, dawn l-inizjattivi jgħinu fil-promozzjoni ta' ambjent ta' investment favorevoli, flussi ta' investment transfruntiera u l-mobilizzazzjoni ta' finanzi sostenibbli u diġitali.

L-UE tippromwovi wkoll li tagħgħorna d-**Djalogu Makroekonomiku** bilaterali.

Il-konklużjoni ta' **Ftehim dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi** ittejjeb l-opportunitajiet kummerċjali u tagħti spinta lill-iżvilupp ekonomiku billi tiżgura protezzjoni effettiva tal-ismijiet ta' prodotti ikoniċi fis-swieq taż-żewġ partijiet.

Peress li l-Indja qed tikber bl-aktar rata mgħaġġla fost l-akbar swieq tal-avjazzjoni ċivili fid-dinja, **Ftehim Komprensiv dwar it-Trasport bl-Ajru** jwassal għal benefiċċji ekonomiċi u għall-konsumatur. Dan ikun jinkludi titjiriet aktar diretti, tariffi tal-ajru aktar baxxi, turiżmu u rabtiet kummerċjali aktar b'saħħithom, kundizzjonijiet aktar ekwi, u kooperazzjoni aktar mill-qrib dwar is-sostenibbiltà u l-avjazzjoni ekoloġika. Għandu jiġi stabbilit **Djalogu dwar l-Avjazzjoni** biex jiġu esplorati modi kif tiġi approfondita l-kooperazzjoni tas-suq.

L-UE hija impenjata li żżid l-investimenti fl-Indja permezz tal-**Global Gateway**, billi tneħħi r-riskju tal-investment tas-settur privat b'garanziji u finanzjament imħallat. Il-portafoll ta' investment tal-Global Gateway ta' Tim Ewropa fl-Indja diġà jaqbeż il-EUR 15-il biljun li jkopri setturi bħall-enerġija rinnovabbli, l-ilma, it-trasport urban u l-infrastruttura diġitali. Il-proġetti futuri jistgħu jespandu f' setturi strateġiċi oħra biex jappoġġaw il-modernizzazzjoni tal-Indja, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u l-ktajjen tal-valur strateġiċi, kif ukoll biex jippromwovu l-konnettività fir-reġjun. Il-**Bank Ewropew tal-Investment (BEI)** se jibqa' attur ewleni fl-avvanz ta' din l-aġenda.

b) Tisħiħ tal-ktajjen tal-provvista u s-sigurtà ekonomika

Relazzjonijiet kummerċjali aktar mill-qrib huma essenzjali biex jiġu żgurati u diversifikati l-ktajjen tal-valur. Hekk kif is-sigurtà ekonomika tikseb l-importanza, l-UE u l-Indja qed isiru sħab indispensabbli **fl-isforzi tat-tnaqqis tar-riskji** u fil-bini ta' **ktajjen tal-provvista reżiljenti u affidabbli**. Il-kapaċitajiet industrijali avvanzati tal-UE u l-bażi tal-manifattura li qed tespandi tal-Indja huma komplementari, u koordinazzjoni aktar mill-qrib tista' ssaħħaħ il-pożizzjonijiet taż-żewġ sħab fil-ktajjen tal-valur mondjali.

Permezz tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija (TTC, Trade and Technology Council), l-UE u l-Indja se japprofondixxu l-kollaborazzjoni f'setturi ewlenin biex jiżguraw ktajjen tal-provvista li jistgħu jifilħu għat-tfixkil globali. Il-prijoritajiet jinkludu l-implimentazzjoni sħiħa tal-**Ftehim dwar is-Semikondutturi bejn l-UE u l-Indja** (Novembru 2023), il-kooperazzjoni dwar teknoloġiji ekoloġiċi bħall-**enerġija solari** biex titnaqqas id-dipendenza żejda fuq fornituri sussidjati minn pajjiżi terzi, **sistemi ta' twissija bikrija għal ingredjenti farmaċewtiċi attivi (API, active pharmaceutical ingredients)**, u ppjanar ta' kontinġenza fil-**ktajjen tal-provvista tal-ikel**. Fil-futur, il-kooperazzjoni tista' tespandi għall-**manifattura avvanzata u l-bijoteknoloġija**.

L-UE u l-Indja għandhom ukoll **jivvalutaw b'mod konġunt il-vulnerabbiltajiet esterni** u l-opportunitajiet kummerċjali strateġiċi biex jidentifikaw setturi prijoritarji oħra. Abbażi ta' dan, kollaborazzjoni mmirata fi ktajjen tal-valur strateġiċi – li tkopri l-istandards tekniċi u ta' sostenibbiltà, it-titjib regolatorju, l-innovazzjoni, l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-faċilitazzjoni tal-investment b'involverment attiv tas-settur privat – tista' tagħti riżultati tanġibbli. Biex dan jiġi operazzjonalizzat, l-UE tipproponi **l-ħolqien ta' "Blue Valleys"** bħala pjattaformi ddedikati għal ktajjen tal-valur magħżula, imfassla biex **jaċċelleraw l-involvement tas-settur privat** permezz tal-faċilitazzjoni tal-investment, l-allinjament tan-normi, u l-kollaborazzjoni strutturata tan-negozju..

Provvista sigura ta' **materja prima kritika** tibqa' prijorità strateġika għal ekosistemi industrijali sostenibbli u reżiljenti. L-approvazzjoni tal-Indja tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Minerali Kritiċi tal-G7 tirrifletti l-allinjament fuq prinċipji ewlenin, inklużi s-sostenibbiltà, id-diversifikazzjoni, u t-trasparenza tas-suq, u tipprovdi bażi għal kooperazzjoni Prattika.

L-UE hija lesta wkoll li tinvolvi ruħha mal-Indja fi **Djalogu dwar id-Diversifikazzjoni tal-Importazzjoni tal-Enerġija** bl-għan li jiġu żgurati sorsi affidabbli u affordabbli.

Fl-aħħar nett, id-diskussjonijiet dwar is-sigurtà ekonomika għandhom jitwessgħu fi ħdan il-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija (TTC) għal kwistjonijiet oħra bħall-**iskrinjar tal-investment dirett barrani**, it-tisħiħ tas-**sigurtà tar-riċerka**, u l-prevenzjoni tal-**ħrib tat-teknoloġija**.

c) Immexxu 'l quddiem it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u r-reżiljenza

Filwaqt li jibnu fuq impenji kondiviżi – bħall-wegħdiet tal-UE ta' emissjonijiet zero netti għall-2050 u tal-Indja għall-2070 – u l-kapaċitajiet teknoloġiċi taż-żewġ naħat, l-UE u l-Indja jistgħu jaċċelleraw it-tranżizzjoni nadifa tagħhom, imexxu 'l quddiem id-dekarbonizzazzjoni, u jsaħħu t-tmexxija globali. Dawn jistgħu jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-kooperazzjoni kontinwa fl-oqsma tal-enerġija rinnovabbli, il-

ħżin tal-enerġija, il-grilji intelliġenti, l-effiċjenza enerġetika, u l-fjuwils rinnovabbli se tappoġġa r-rwol tal-Indja bħala fornitur tal-enerġija nadifa u tat-teknoloġija. L-iżgurar tar-reżiljenza huwa essenzjali wkoll, inkluż permezz ta' ċirkolarità mtejba, bijodiversità protetta, u sigurtà tal-ikel u tas-saħħa msaħħa.

Is-sħubija dwar l-Enerġija Nadifa u l-Klima saret pjattaforma ewlenija u tista' tissaħħaħ aktar, inkluż biex jingħataw spinta l-użu u l-adozzjoni mis-suq ta' **teknoloġiji tal-enerġija ekoloġiċi u nodfa**. L-UE se tippromwovi skambji kummerċjali ta' teknoloġija nadifa bejn l-UE u l-Indja u tapprofondixxi l-kooperazzjoni f'setturi ewlenin.

Dwar l-enerġija eolika lil hinn mill-kosta, l-UE u l-Indja se javvanzaw il-kooperazzjoni permezz ta' Summits għan-negozjanti tal-Enerġija eolika lil hinn mill-kosta bejn l-UE u l-Indja għal skambju tal-aħjar prattiki u biex jiġi ffaċilitat id-djalogu bejn l-impriżi, kif ukoll permezz ta' skambji estiżi ta' għarfien espert dwar it-trasferiment tat-teknoloġija, l-għarfien prattiku, u d-disinn tal-irkant. L-isforzi konġunti se jiffukaw ukoll fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni fuq teknoloġiji adatti għall-kundizzjonijiet lokali, filwaqt li ż-żewġ naħat se jesploraw appoġġ kontinwu għall-faċilitajiet tal-ittestjar u tad-dimostrazzjoni, bl-għan li tingħata spinta lill-kompetizzjoni u jitnaqqsu l-ispejjeż.

Barra minn hekk, il-ħolqien ta' Task Force UE-Indja dwar l-Idroġenu Ekoloġiku jipprovdi impetu biex tissaħħaħ u titwessa' l-kooperazzjoni. It-Task Force se tappoġġa l-isforzi għad-dekarbonizzazzjoni tas-setturi li diffiċli jitrażżnu, filwaqt li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi. It-Task Force se tlaqqa' flimkien in-negozji, l-industrija, l-akkademja, u l-gruppi ta' riflessjoni biex trawwem l-innovazzjoni, il-kondiviżjoni tal-għarfien, u l-kooperazzjoni teknoloġika dwar il-**produzzjoni, il-ħżin u d-distribuzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku**, kif ukoll dwar l-aħjar prattiki u studji tal-każijiet ta' suċċess. Il-BEI, bħala membru tal-India Hydrogen Alliance (IH2A), jinsab lest li jappoġġa l-finanzjament u r-rabtiet kummerċjali.

B'mod parallel, il-kooperazzjoni dwar it-tisħiħ **tas-swieq tal-enerġija** – permezz ta' strumenti bħal kuntratti għad-differenza, l-analiżi tal-miters intelliġenti, u ftehimiet ta' xiri– tista' żżid iċ-ċertezza tal-investment, tnaqqas il-prezzijiet tal-enerġija, u taċċellera l-użu fuq skala kbira. L-isforzi konġunti biex jiġu ffaċilitati l-ftehimiet ta' xiri u tiġi avvanzata l-kooperazzjoni teknoloġika f'oqsma bħall-elettrolizzaturi, iċ-ċelloli tal-fjuwil, u t-teknoloġiji tal-ħżin, appoġġati mill-iskambju tal-għarfien espert u l-aħjar prattiki, se jkomplu jsaħħu l-kompetittività u l-ekonomiji ta' skala tul il-katina tal-valur tal-enerġija nadifa.

Filwaqt li jibnu fuq l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku, l-UE u l-Indja jistgħu jikkooperaw biex jaċċelleraw id-**dekarbonizzazzjoni tal-industriji peżanti**, b'mod partikolari billi jiżviluppaw **azzar u siment b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju** fl-Indja. Il-ħidma tal-UE fuq miżuri min-naħa tad-domanda u t-tikkettar tal-prodotti tista' tgħin biex jiżdied dan is-suq emerġenti, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u tiġi indirizzata l-kapaċità żejda globali.

Il-kooperazzjoni tista' wkoll tapprofondixxi l-**mobilità sostenibbli**. Is-suq tal-avjazzjoni b'saħħtu tal-Indja, it-tkabbir tal-enerġija rinnovabbli, u l-potenzjal tal-iskart bijoġeniku jagħmluha sieħeb ewlieni għall-**fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli** (SAF, sustainable aviation).

fuels). L-avvanz tal-kooperazzjoni – inkluż permezz tal-proġett ACT-SAF iffinanzjat mill-UE – jista’ jagħti spinta lill-produzzjoni tal-SAF u jqiegħed liż-żewġ sħab bħala dawk f’pożizzjoni li jistabbilixxu l-istandards globali. Jista’ jkun hemm ukoll kollaborazzjoni ulterjuri dwar il-metodoloġiji taċ-ċertifikazzjoni tal-enerġija tal-vetturi u l-**elettromobbiltà**, inkluż l-iskambju tal-ġharfien u l-armonizzazzjoni tal-istandards tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi.

L-UE u l-Indja jistgħu japprofondixxu l-kooperazzjoni dwar l-**urbanizzazzjoni sostenibbli** permezz ta’ sħubijiet eżistenti, b’enfasi fuq il-bliet, in-negozji u s-soċjetà ċivili. Il-kollaborazzjoni tinkludi wkoll il-Patt Globali tas-Sindki u l-programm ta’ Kooperazzjoni Urbana u Reġjonali Internazzjonali (IURC), li jrawwem l-iskambji bejn il-bliet.

L-UE u l-Indja għandhom opportunità li jikkooperaw fl-iżvilupp ta’ **suq domestiku tal-karbonju** biex jitnaqqsu l-emissjonijiet u jiġu ġġenerati fondi għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. L-iskema tal-iskambju tal-Kreditu tal-Karbonju tal-Indja qed tavvanza b’mod rapidu, u l-UE tista’ taqşam tagħlimiet mill-Iskema għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet tagħha dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar, il-verifika, u l-parametri referenzjarji settorjali. Prezz tal-karbonju effettivament imħallas fl-Indja se jitnaqqas taħt l-aġġustament finanzjarju tal-Mekkaniżmu ta’ Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) tal-UE, li, peress li huwa bbażat fuq il-kontenut tal-karbonju, se jiffavorixxi lill-esportaturi Indjani li jiddekarbonizzaw il-merkanzija CBAM tagħhom. Dan il-mekkaniżmu qed jiġi ssimplifikat ukoll għall-benefiċċju tan-negozji ż-żgħar.

L-UE u l-Indja għandhom javvanzaw ukoll il-kollaborazzjoni dwar **l-istrumenti ta’ finanzjament sostenibbli** – bħall-bonds ekoloġiċi – biex il-kapital privat jiġi dirett lejn it-tranżizzjoni għal enerġija nadifa tal-Indja. Bħala pajjiż ta’ prijorità taħt l-Inizjattiva Globali ta’ Bonds Ekoloġiċi tal-UE, l-Indja se tibbenefika minn linji ta’ kreditu ekoloġiċi fuq skala ikbar tal-UE u sensiela ta’ proġetti bankabbli, li jappoġġaw il-ħolqien tagħha bħala ċentru reġjonali għall-kapital ekoloġiku.

Taħt is-Sħubija UE-Indja dwar l-Effiċjenza fir-Riżorsi u l-Ekonomija Ċirkolari, l-UE u l-Indja għandhom isaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni dwar l-**ekonomija ċirkolari**. Billi jiskambjaw l-aħjar Prattiki u Approċċi ta’ politika, u jiżviluppaw soluzzjonijiet għan-negozju – b’mod partikolari fit-tessuti, l-elettronika, il-vetturi elettroniċi u l-batteriji, ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u l-plastik– iż-żewġ sħab jistgħu jaċċelleraw it-tranżizzjoni lejn **sistemi effiċjenti fl-użu tar-riżorsi** li jnaqqsu l-iskart u jgħallqu l-impjiegi. L-inizjattivi li għaddejjin bħalissa jistgħu jwittu t-triq għal aktar kollaborazzjoni dwar ir-riċiklaġġ tal-materja prima kritika. L-UE se tesplora għażliet biex terġa’ tibda l-Forum Ambjentali bejn l-UE u l-Indja biex tiffaċilita l-iskambji bejn il-gvern u l-partijiet ikkonċernati tan-negozju.

L-UE se ssaħħa il-kooperazzjoni mal-Indja dwar il-**bijekonomija**, inklużi il-forestrija u l-użu ta’ materjal innovattiv. Filwaqt li jibnu fuq is-Sħubija bejn l-Indja u l-UE dwar l-Ilma, iż-żewġ naħat għandhom ikomplu japprofondixxu d-djalogu u l-kollaborazzjoni dwar il-ġestjoni tal-baċini tax-xmajjar, ir-**reżiljenza u s-sigurtà tal-ilma**, l-ġhargħar u n-nixfiet, l-użu mill-ġdid tal-ilma, u l-effiċjenza tal-ilma.

L-UE hija lesta li tapprofondixxi l-kooperazzjoni mal-Indja dwar l-**agrikoltura sostenibbli** billi żżid il-prattiki tal-biedja reżiljenti għat-tibdil fil-klima, ittejjeb is-saħħa tal-ħamrija u l-

produttività tal-ekosistema, tnaqqas il-ħruq tal-qasbija, tippromwovi l-użu tal-bijoskart, u tagħti spinta lill-kompetittività permezz ta' teknoloġiji ekoloġiċi u innovazzjonijiet inklużivi. Filwaqt li jibnu fuq il-Viżjoni għall-Agricoltura u l-Ikel, **Djalogo ta' Sħubija dwar il-Politika Agroalimentari**, u kooperazzjoni dwar it-taħlita tal-innovazzjoni teknoloġika mal-iskala agrikola u d-diversità, jista' jtejjeb is-sigurtà globali tal-ikel u jrawwem sistemi agroalimentari sostenibbli

B'approċċ "Saħħa Waħda", l-UE hija impenjata li tikkollabora ma' ċentri Indjani għall-kontroll tal-mard biex issaħħaħ il-prevenzjoni, it-tnejn u r-rispons għat-theddud attwali u emerġenti għas-saħħa, filwaqt li tappoġġa **sistemi tas-saħħa sostenibbli u reżiljenti**. Filwaqt li tibni fuq l-involvement inizjali fil-manifattura tal-vaċċini u s-sorveljanza tal-ilma mormi, is-sħubija bejn l-UE u l-Indja se tespandi għal kondiviżjoni msaħħa tad-data, b'kollaborazzjoni pubblika-privata b'saħħitha li għandha rwol ewlieni biex tixpruna l-innovazzjoni u l-iskalabbiltà.

Minħabba ż-żieda fil-frekwenza u l-intensità tad-diżastri naturali aggravati mit-tibdil fil-klima, l-UE u l-Indja se japprofondixxu l-kooperazzjoni dwar l-**adattament għat-tibdil fil-klima**, b'enfasi fuq il-prevenzjoni u t-tnaqqis tar-riskji klimatiċi, it-titjib tat-tnejn għad-diżastri u l-kapaċitajiet ta' rispons, u t-tisħiħ tar-reżiljenza tal-infrastruttura. Dan jinkludi l-konklużjoni ta' Arranġament Amministrattiv dwar kooperazzjoni aktar mill-qrib dwar **il-ġestjoni tad-diżastri** mal-Awtorità Nazzjonali tal-Ġestjoni tad-Diżastri tal-Indja permezz ta' djalogo ta' politika, impenn tekniku, kondiviżjoni tal-għarfien, u bini tal-kapaċità f'sistemi ta' twissija bikrija u rispons ta' emerġenza.

2. TEKNOLOĠIJA U INNOVAZZJONI

Il-prosperità, il-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli fit-tul tal-UE u tal-Indja jiddependu fuq it-tmexxija fit-teknoloġiji emerġenti. Iż-żewġ naħat jikkondividu ambizzjonijiet għal innovazzjoni miftuħa, sigura u ċentrata fuq il-bniedem. L-UE tikkontribwixxi riċerka u infrastruttura diġitali ta' klassi dinjija, industria b'saħħitha, regolamentazzjoni robusta, u għarfien espert fit-teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali, filwaqt li l-Indja toffri forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati, settijiet ta' data vasti, ekonomija diġitali u settur tal-elettronika li qed jikbru, ekosistema vibranti tan-negozji ġodda, u għarfien espert fl-innovazzjoni produttiva. Il-kooperazzjoni dwar teknoloġiji emerġenti kritiċi, ir-riċerka, u ambjent diġitali favorevoli se jgħibu benefiċċji tanġibbli għall-pubbliku fuq iż-żewġ naħat.

a) Appoġġ għal teknoloġiji emerġenti kritiċi

L-UE u l-Indja għandhom jadottaw **approċċ mifruq mal-katina tal-valur** għall-kooperazzjoni dwar teknoloġiji emerġenti kritiċi, li jkopri r-riċerka u l-innovazzjoni, il-produzzjoni, l-istandardizzazzjoni, ir-regolamentazzjoni, l-adozzjoni mis-suq, l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-faċilitazzjoni tal-investment. Bħala parti mill-arkitettura tat-TTC, l-UE tippromwovi l-istabbiliment ta' għadd limitat ta' **Ċentri ta' Innovazzjoni UE-Indja** – pjattaformi ddedikati dwar teknoloġiji ewlenin li jlaqqgħu flimkien lil dawk li jfasslu l-politika, il-mexxejja tal-industrija, startups, l-investituri, u l-esperti biex jidentifikaw prijoritajiet kondiviżi u jikkatalizzaw l-innovazzjoni.

Dawn iċ-ċentri jappoġġaw id-djalogu, l-iskambju tal-għarfien, u proġetti konġunti f'teknoloġiji emerġenti kritiċi. Hekk kif jimmaturow, it-teknoloġiji promettenti minn kollaborazzjoni fi stadju bikri jistgħu jiġu avvanzati permezz tal-“Blue Valleys” biex jippromwovu l-użu industrijali u jaċċelleraw l-involvement tas-settur privat. Il-kooperazzjoni inizjali tista' tiffoka fuq it-teknoloġiji diġitali, filwaqt li tibni fuq in-network tal-UE taċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali .

Rabtiet aktar b'saħħithom bejn l-SMEs Ewropej u Indjani, inkubaturi, u startups — inklużi dawk tat-teknoloġija profonda — huma essenzjali. L-UE tippromwovi **Sħubija bejn l-UE u l-Indja għal Startups Ġodda**, f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, Start-up India, u l-Istati Membri, biex tippromwovi l-investiment transfruntier, il-kokreazzjoni, u l-kumpaniji b'potenzjal għoli, li tisfrutta l-ekosistema vibranti ta' startups tal-Indja u l-għodod tal-innovazzjoni tal-UE.

L-opportunitajiet għall-kooperazzjoni jinkludu r-riċerka u l-iżvilupp konġunti, l-iskambji reċiproċi tat-talenti, u l-impriżi konġunti strateġiċi dwar is-**semikondutturi avvanzati**, li jiffukaw fuq id-disinn u l-ħolqien ta' prototipi għall-applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali (IA), l-isfruttar tal-għarfien espert fid-disinn taċ-ċipep Indjani u l-infrastrutturi Ewropej tar-riċerka skont l-Att dwar iċ-Ċipep.

L-UE u l-Indja huma impenjati li jiżviluppaw **IA avvanzata, affidabbli, sostenibbli u ċċentrata fuq il-bniedem**. Il-kooperazzjoni se tiffoka fuq dominji strateġiċi tal-IA, inklużi mudelli lingwistiċi kbar, settijiet tad-data multilingwi għall-ipproċessar tal-lingwi naturali, settijiet tad-data tat-taħriġ tal-IA, u soluzzjonijiet tal-IA għall-beni pubbliċi bħall-kura tas-saħħa, l-agrikoltura, u l-azzjoni klimatika. Se tissaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn l-Uffiċċju Ewropew tal-IA u l-Missjoni Nazzjonali tal-IA tal-Indja, kif ukoll il-kooperazzjoni mal-Istitut tas-Sikurezza tal-IA tal-Indja biex jiġu estiżi s-sikurezza, l-ittestjar u l-evalwazzjoni tal-IA.

Skont l-Arranġament Amministrattiv bejn l-UE u l-Indja dwar il-**Computing ta' Prestazzjoni Għolja** (HPC, High-Performance Computing), tnediet kollaborazzjoni fir-riċerka bijomedika, fl-immudellar meteoroloġiku, u fit-tbassir tal-perikli naturali bejn il-partijiet ikkonċernati rispettivi, b'espansjoni potenzjali għall-kapaċitajiet kondiviżi ta' HPC u għas-**sistemi ibridi kwantistiċi ta' HPC**. L-attivitajiet konġunti jistgħu jinkludu aċċess reċiproku għall-faċilitajiet, standards komuni ta' valutazzjoni komparattiva, applikazzjonijiet żviluppati b'mod konġunt fis-simulazzjoni, l-ottimizzazzjoni, u t-tagħlim awtomatiku, skambji ta' riċerkaturi, programmi ta' dottorat konġunti, u kofinanzjament biex jiġu aċċellerati l-flussi tax-xogħol ibridi mill-prova tal-kunċett sal-produzzjoni.

Bħala atturi ewlenin fit-teknoloġija spazjali, l-UE u l-Indja se japprofondixxu l-kooperazzjoni dwar l-osservazzjoni tad-dinja, in-navigazzjoni satellitari, is-sorveljanza fl-ispazju, u l-komunikazzjonijiet. Se jitnieda **Djalogu dwar l-Ispazju** biex javvanza l-kollaborazzjoni u jesplora s-sigurtà spazjali

Il-protezzjoni tat-teknoloġiji kritiċi trid tkun prijorità kondiviża. L-UE u l-Indja għandhom jimplimentaw miżuri robusti biex **jipprevjenu t-trasferiment jew l-użu ħażin mhux awtorizzat ta' teknoloġiji u għarfien sensittivi**, filwaqt li jiżguraw l-użu responsabbli tagħhom b'appoġġ għall-istabbiltà globali, il-valuri demokratiċi, u l-awtonomija strateġika.

b) Avvanz ta' ambjent diġitali favorevoli

Abbażi tar-regoli futuri dwar il-kummerċ diġitali bejn l-UE u l-Indja, l-UE għandha l-għan li tapprofondixxi l-kooperazzjoni mal-Indja biex toħloq **ekosistema diġitali affidabbli, sigura, ġusta u interoperabbli**. Dan jinkludi **kollaborazzjoni regolatorja** msaħħa dwar il-governanza tad-data, ir-regolamentazzjoni tal-pjattaformi, is-swieq diġitali, u ċ-ċibersigurtà – iggwidata mir-reċiproċità, mill-istandards internazzjonali, u mid-drittijiet tal-bniedem.

L-UE u l-Indja għandhom jaħdmu wkoll flimkien biex jippromwovu **swieq diġitali ġusti, kummerċ elettroniku sigur, privatezza online, u protezzjoni tat-tfal**, filwaqt li jiġġieldu l-kontenut illegali u r-riskji sistemiċi. Il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki se tgħin biex l-innovazzjoni tiġi bbilanċjata mar-responsabbiltà, jiġi promoss il-litteriżmu diġitali, u jitħarsu l-valuri demokratiċi, il-libertà tal-kelma u d-dinjità tal-bniedem fl-era diġitali.

Fluss transkonfinali ta' data affidabbli huwa vitali għall-kummerċ, l-innovazzjoni, l-IA affidabbli, u l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u d-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja. Hemm il-potenzjal li l-ekosistemi tad-data tal-UE u tal-Indja jiġu konnessi aħjar b'mod sigur u kompatibbli. L-UE se timpenja ruħha mal-Indja biex tippromwovi **qafas robust dwar il-protezzjoni tad-data** u tippromwovi l-konverġenza fl-implimentazzjoni tiegħu.

L-UE u l-Indja t-tnejn jirrikonoxxu l-importanza li tiġi skjerata **infrastruttura diġitali** sigura, b'mod partikolari networks 5G/6G siguri u affidabbli u kejbils sottomarini u terrestri. L-UE hija lesta li taqsam l-esperjenza tagħha f'dan il-qasam, bl-użu ta' strumenti bħas-sett ta' għodod tal-5G jew il-Komunikazzjoni reċenti biex jissaħħu s-sigurtà u r-reżiljenza tal-kejbils sottomarini. Il-Memorandum ta' Qbil bejn Bharat 6G alliance tal-Indja u l-Assoċjazzjoni għall-Industrija tan-Networks u s-Servizzi Intelliġenti tas-6G tal-UE jservi bħala eżempju ta' sforzi kollaborattivi ta' benefiċċju reċiproku biex jiġu żviluppati ekosistemi tat-telekomunikazzjoni siguri u affidabbli, li jwittu t-triq għall-ħolqien ta' **networks 6G** reżiljenti u affidabbli.

Il-kollaborazzjoni dwar **l-infrastruttura pubblika diġitali** – l-isfruttar tal-esperjenza tal-Indja ma' pjattaformi fuq skala kbira u inklużivi u t-tmexxija tal-UE fl-istandards globali – tista' tappoġġa l-inklużjoni finanzjarja, l-identità diġitali, u l-għoti effiċjenti tas-servizzi pubbliċi. Iż-żewġ naħat għandhom l-għan li jippermettu **l-interoperabbiltà teknika**, bħal bejn il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali u s-sistema Aadhaar tal-Indja, biex jiffaċilitaw il-kummerċ transfruntier, l-ivvjaġġar u l-iskambji tad-data. Għandhom ukoll l-għan li jippromwovu b'mod konġunt l-Infrastruttura Pubblica Diġitali f'pajjiżi terzi.

c) Promozzjoni tal-kooperazzjoni fir-riċerka

Il-kooperazzjoni taħt il-**programmi ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE** tipprovdi opportunitajiet għar-riċerkaturi u l-innovaturi f'oqsma bħat-teknoloġiji diġitali, l-enerġija nadifa, il-ġestjoni tal-ilma, l-ikel u l-agrikoltura, is-saħħa, u t-teknoloġiji emerġenti bħas-semikondutturi, il-bijoteknoloġija u l-materjali avvanzati, filwaqt li tiżgura li n-nisa jkollhom aċċess ugwali għal dawn l-opportunitajiet.

Il-kooperazzjoni konġunta fir-riċerka taħt Orizzont Ewropa – il-programm ewlieni tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni – diġà teżisti permezz ta' sejħiet koordinati eċċezzjonali mal-Indja, bħal dwar l-iskart tal-plastik fil-baħar u l-produzzjoni ta' idroġenu rinnovabbli mill-iskart. Madankollu, l-Indja tista' tikkunsidra li ssir **assoċjata ma' Orizzont Ewropa**. Dan jiftaħ il-

bieb għal kooperazzjoni xjentifika aktar profonda u aktar strutturata, li tippermetti lir-riċerkaturi u lill-istituzzjonijiet Indjani jipparteċipaw fuq bażi ugwali fi proġetti kollaborattivi f'firxa wiesgħa ta' oqsma. Dan itejjeb ukoll l-aċċess għar-riċerkaturi Indjani għall-infrastrutturi tar-riċerka Ewropej ta' klassi dinjija.

Filwaqt li jibnu fuq il-ftehim Euratom-Indja għall-kooperazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp, iż-żewġ sħab għandhom jippromwovu kollaborazzjoni dwar **l-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari**, li jkopru s-sikurezza tar-reatturi nukleari, il-protezzjoni mir-radjazzjoni, l-immaniġjar tal-iskart radjuattiv, is-sigurtà nukleari, is-salvagwardji, l-applikazzjonijiet tax-xjenza nukleari, u l-fużjoni. L-UE u l-Indja għandhom ukoll japprofondixxu l-kooperazzjoni tagħhom fir-rigward tar-**reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali**, li t-tnejn huma membri tiegħu.

3. SIGURTÀ U DIFIŻA

Il-komplessità dejjem tikber tat-theddid għas-sigurtà globali, it-tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu, u l-bidla teknoloġika rapida jenfasizzaw il-ħtieġa għal djalogu u kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-UE u l-Indja fis-sigurtà u d-difiża. Il-perssonijiet fuq il-linji marittimi globali jheddu l-libertà tan-navigazzjoni, filwaqt li qed jitfaċċaw riskji ġodda fl-oqsma ċibernetiċi, ibridi u spazjali. It-teknoloġiji rivoluzzjonarji emerġenti, bħall-IA, joffru vantaġġi strateġiċi filwaqt li jqajmu sfidi fir-rigward tat-trasparenza, ir-responsabbiltà, u l-konformità mad-dritt internazzjonali.

Il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Indja fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża dan l-aħħar qabdet ritmu tajjeb, inkluż permezz tad-**Djalogu Strateġiku dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà** li tnieda f'Ġunju 2025. Id-djalogi tematiċi regolari jindirizzaw kwistjonijiet ta' sigurtà u difiża, is-sigurtà marittima, iċ-ċibersigurtà, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u n-nonproliferazzjoni. L-Indja hija wkoll sieħeb ewlieni fil-proġett tal-UE "Kooperazzjoni Msaħħa fil-qasam tas-Sigurtà fl-Asja u mal-Asja" (ESIWA+).

L-UE u l-Indja issa qed jesploraw il-ħolqien ta' **Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża bejn l-UE u l-Indja**. Din is-sħubija tkompli tapprofondixxi l-konsultazzjonijiet strateġiċi u tippermetti kooperazzjoni aktar mill-qrib u inizjattivi konġunti dwar prijoritajiet kondiviżi bħall-ġestjoni tal-kriżijiet, is-sigurtà marittima, il-ġlieda kontra t-theddid ċibernetiku u ibridu, u l-ġlieda kontra t-terroriżmu. Din tiffaċilita wkoll il-kooperazzjoni industrijali fil-qasam tad-difiża.

Iż-żewġ naħat qed iniedu wkoll negozjati dwar **Ftehim dwar is-Sigurtà tal-Informazzjoni** li se jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata u kooperazzjoni aktar b'saħħitha f'oqsma relatati mas-sigurtà u d-difiża. Dan jista' wkoll iwitti t-triq għall-parteeipazzjoni tal-Indja fl-inizjattivi tal-UE għas-sigurtà u d-difiża f'konformità mal-oqfsa ibbażati fuq it-Trattati tal-UE.

a) Approfondiment tal-impenn dwar is-sigurtà reġjonali

L-impenn strateġiku dejjem akbar tal-UE fl-Indo-Paċifiku – speċjalment l-appoġġ tagħha għas-sħab reġjonali f'oqsma ta' sigurtà komprensivi – jallinja mill-qrib mar-rwol tal-Indja bħala pilastru ewlieni tal-istabbiltà reġjonali u l-approfondiment tal-kooperazzjoni tagħha mas-sħab inklużi l-Istati Uniti, il-Ġappun, l-Awstralja u l-istati membri tal-ASEAN. Iż-żewġ naħat għandhom itejbu l-koordinazzjoni u jiskambjaw fehmiet dwar ir-**rabtiet bejn ir-reġjuni Ewro-**

Atlantiċi u Indo-Paċifiċi, b'mod partikolari l-konnessjoni bejn il-Mediterran, il-Baħar l-Aħmar, u l-Oċean Indjan bħala interfaċċi ewlenin bejn it-tnejn.

Il-parteċipazzjoni tal-UE fl-Inizjattiva Indo-Oċean Paċifiku mnedija mill-Indja tirrifletti r-rieda tagħha li żżid il-kooperazzjoni dwar prijoritajiet kondiviżi bħall-ekoloġija marittima, ir-riżorsi tal-baħar, bini tal-kapaċitajiet, it-tħejjija għad-diżastri, is-sigurtà marittima, u t-trasport.

Bħala **Sieħeb ta' Djalogu fl-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi tal-Oċean Indjan**, l-UE tinsab ukoll f'pożizzjoni tajba biex tibni sinerġiji mal-Indja dwar il-prijoritajiet reġjonali. Fl-2024, l-UE u l-Indja qablu li jniedu konsultazzjonijiet iddedikati għall-Indo-Paċifiku biex itejbu l-koordinazzjoni dwar l-isfidi strateġiċi komuni.

L-UE tippromwovi l-paċi u s-sigurtà abbażi tar-rispett għad-dritt internazzjonali u se tkompli **tikkooopera mal-Indja dwar l-aspetti kollha tal-ġlieda kontra l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna**. F'dak il-kuntest, l-UE se tkompli tesplora modi kif tipprevjeni l-esportazzjoni mill-ġdid ta' oġġetti tal-kamp tal-battalja ta' orġini mill-UE lejn ir-Russja u ċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet, inkluż permezz tal-flotta mistura tar-Russja u miżuri oħra tal-enerġija. Dan jinkludi d-djalogu li għaddej mal-Mibgħut tas-Sanzjonijiet tal-UE u inizjattivi prattiċi ta' bini tal-kapaċità mas-settur privat.

L-involvement mal-Indja dwar **il-ġestjoni tal-kriżijiet**, f'oqsma ta' interess reċiproku, huwa importanti, u l-UE tilqa' l-parteċipazzjoni tal-Indja fil-**missjonijiet ċivili u militari** tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni tal-UE. L-UE u l-Indja għandhom jimpenjaw ruħhom biex jaraw l-arranġamenti xierqa għaliha, b'rispett sħiħ tal-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet rispettivi tagħhom.

b) Ġlieda kontra t-theddid tradizzjonali u ibridu

Is-sigurtà marittima hija pedament tas-sigurtà reġjonali u globali. Peress li ż-żewġ naħat qed jiddependu ħafna fuq it-trasport marittimu għall-kummerċ u l-konnettività, huwa vitali li jiġu żgurati linji marittimi ta' komunikazzjoni, jiġu protetti l-infrastrutturi kritiċi u jitrażżnu l-attivitajiet tal-flotta mistura. L-UE u l-Indja huma magħquda fl-impenn tagħhom għal ordni marittimu ħieles, miftuħ, inklużiv u bbażat fuq ir-regoli, inkluż fl-Indo-Paċifiku, f'konformità mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar. L-UE u l-Indja impenjaw ruħhom li jżidu l-involvement dwar **l-għarfien tal-qasam marittimu** biex jippromwovu valutazzjoni, koordinazzjoni u interoperabbiltà kondiviżi, li jirrikjedu sinerġiji f'ħafna livelli.

L-UE tfittex li tapprofondixxi l-kooperazzjoni mal-Indja b'appoġġ għall-**oqfsa reġjonali tas-sigurtà marittima**, filwaqt li tgħin biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-istati kostali biex jindirizzaw sfidi kondiviżi. Dan jinkludi ħidma konġunta dwar l-għarfien tal-qasam marittimu u appoġġ imsaħħaħ għal pjattaformi reġjonali ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni bħaċ-Ċentru Reġjonali tal-Fużjoni tal-Informazzjoni Marittima f'Madagascar. L-UE u l-Indja jistgħu wkoll jaħdmu aktar mill-qrib flimkien fuq proġetti ta' **bini tal-kapaċitajiet** għall-pajjiżi tal-Oċean Indjan.

Filwaqt li tibni fuq il-kollaborazzjoni eżistenti, inkluż permezz tal-**operazzjonijiet navali EUNAVFOR ATALANTA u EUNAVFOR ASPIDES**, l-UE għandha l-għan li tespandi l-kooperazzjoni operazzjonali mal-Forza Navali Indjana. Dan jista' jinkludi aktar eżerċizzji konġunti, li jibnu fuq l-eżerċizzju navali ta' Ġunju 2025 iffukat fuq operazzjonijiet avanzati

kontra l-piraterija, l-interoperabbiltà, il-manuvri tattiċi, u komunikazzjonijiet siguri. Tali eżerċizzji jistgħu jinvolvu sħab Indo-Paċifiċi oħra. L-UE se tfittex li tikkonkludi arranġamenti bejn l-operazzjonijiet navali tal-UE u l-Flotta Navali Indjana biex tiffaċilita kondivizzjoni akbar ta' informazzjoni u kooperazzjoni fil-Punent tal-Oċean Indjan. Barra minn hekk, l-UE u l-Indja jistgħu jwettqu attivitajiet konġunti tal-baħar f'oqsma oħra ta' interess komuni bħall-Golf tal-Guinea.

Il-kooperazzjoni futura għandha tiffoka wkoll fuq il-protezzjoni tal-**infrastruttura marittima kritika**, b'mod partikolari fid-dawl tat-theddid ibridu li qed jiżdied. L-involvement permezz ta' strutturi reġjonali bħall-Kummissjoni tal-Oċean Indjan se jkun kruċjali biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi tas-sigurtà li qed jinbidlu. L-UE u l-Indja għandhom ukoll ikomplu jikkooperaw dwar is-sikurezza marittima, inkluż l-indirizzar tat-theddid għall-ambjent u għan-navigazzjoni sikura minħabba t-tbaħħir ta' standard inferjuri u l-proċeduri ta' navigazzjoni riskjużi.

L-UE tipproponi l-approfondiment tal-kollaborazzjoni mal-Indja dwar iċ-**ċibersigurtà** u l-bini tar-**reżiljenza** għat-**theddid ibridu**, b'mod partikolari permezz tad-Djalogu Ċibernetiku bejn l-UE u l-Indja, inkluż f'oqsma bħar-riċerka relatata mas-sigurtà, l-iżgurar tal-ktajjen tal-provvista tal-ICT u l-promozzjoni ta' teknoloġiji u fornituri diġitali affidabbli. Il-kooperazzjoni tista' tissaħħaħ fl-oqsma tal-assistenza legali reċiproka u ċ-ċiberkriminalità, inkluża l-vjolenza abbażi tal-ġeneru ffaċilitata mit-teknoloġija.

L-UE u l-Indja t-tnejn jiffaċċjaw **theddid terroristiku** serju. L-attakk ta' Pahalgam f'April 2025 kien tfakkira traġika tal-kost uman tat-terroriżmu. Iż-żewġ sħab jiffaċċjaw sfidi marbuta mar-rabtiet tat-terroriżmu mal-kriminalità organizzata, kif ukoll il-ħtieġa li jiġi miġġieled il-finanzjament tat-terroriżmu, il-propaganda online, u r-riskji ppreżentati mit-teknoloġiji emerġenti. L-UE hija impenjata li tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni fil-**għlieda kontra t-terroriżmu** biex tivvaluta t-theddid globali, il-għlieda kontra l-estremiżmu u l-finanzjament tat-terroriżmu, u ssaħħaħ il-kollaborazzjoni permezz ta' sforzi ta' bini tal-kapaċitajiet, proġetti konġunti, u sħubijiet għall-infurzar tal-liġi.

Dwar il-**kriminalità organizzata transnazzjonali**, l-UE għandha l-għan li ssaħħaħ il-kooperazzjoni gudiżzarja u tal-infurzar tal-liġi mal-Indja. Hija għandha l-għan li timplimenta l-Arranġament ta' Ħidma bejn l-Europol u l-Uffiċċju Ċentrali Indjan tal-Investigazzjoni, li jippermetti liż-żewġ naħat jiskambjaw data mhux personali, bħal metodoloġiji kriminali, xejriet, u intelligence rilevanti oħra. Dan jinkludi l-konnessjoni tal-Indja mal-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni tal-Europol. Bl-istess mod, l-UE u l-Indja jistgħu jiżviluppaw kooperazzjoni mal-Eurojust u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. Din il-kooperazzjoni tista' tiġi estiża biex tkopri l-prevenzjoni tad-devjazzjoni u t-traffikar tal-prekursuri tad-droga użati fil-manifattura illeċita ta' drogi illeċiti u sustanzi psikoattivi ġodda.

c) Tisħiħ tal-kooperazzjoni industrijali fil-qasam tad-difiża

It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-industriji tad-difiża tal-UE u tal-Indja –f'konformità mal-prijoritajiet ta' sigurtà kondiviżi u mas-salvagwardji dovuti kontra l-ħrib tat-teknoloġija — jista' jgħin biex jissaħħu **l-kapaċitajiet tal-produzzjoni u teknoloġiċi rispettivi**, tissaħħaħ is-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista, u jiġu stimulat l-innovazzjoni u l-kompetittività. L-għarfien espert tal-UE fir-riċerka, l-iżvilupp u l-manifattura fil-qasam tad-difiża jista' jappoġġa lill-Indja fit-tisħiħ

tal-bażi industrijali tad-difiża tagħha u fid-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista affidabbli, filwaqt li l-kapaċitajiet tal-manifattura tal-Indja jistgħu jgħinu lill-UE żżid il-provvista tal-armi f' setturi speċifiċi.

Biex din il-kooperazzjoni titmexxa 'l quddiem, jista' jitwaqqaf **Forum tal-Industrija tad-Difiża mmexxi mill-industrija** biex jiġbor flimkien negozji miż-żewġ naħat biex jikkondividu l-aħjar prattiki u jidentifikaw opportunitajiet għall-kooperazzjoni. L-uffiċjali tal-UE u tal-Indja jipparteċipaw bħala osservaturi.

4. KONNETTIVITÀ U KWISTJONIJIET GLOBALI

Bħala atturi globali ewlenin fil-G20, l-UE u l-Indja għandhom isaħħu l-kooperazzjoni biex jiddefendu l-interessi kondiviżi, jindirizzaw sfidi globali urġenti, u jikkontrobilanċjaw mudelli ta' żvilupp mhux sostenibbli promossi minn oħrajn. Iż-żewġ sħab jinsabu f'pożizzjoni tajba biex javvanzaw b'mod konġunt il-konnettività reġjonali sigura u sostenibbli, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp ma' pajjiżi terzi u fihom, u governanza dinjija effettiva.

a) Tisħiħ tal-konnettività reġjonali

Kemm l-UE kif ukoll l-Indja għandhom **aġendi tal-konnettività** internazzjonali ambizzjużi. Il-Global Gateway tal-UE timmobilizza EUR 300 biljun fuq livell dinji biex tappoġġa l-infrastruttura tal-enerġija, diġitali u tat-trasport, filwaqt li l-Indja tavvanza inizjattivi bħal MAHASAGAR (Mutual and Holistic Advancement for Security and Growth - Avvanz Reċiproku u Olistiku għas-Sigurtà u t-Tkabbir). Fl-2021, iż-żewġ sħab ikkonkludew ukoll is-Sħubija ta' Konnettività bejn l-UE u l-Indja. Filwaqt li jisfruttaw dawn il-pjattaformi, iż-żewġ sħab jinsabu f'pożizzjoni tajba biex jikkooperaw fit-tisħiħ tal-konnettività bejn l-Ewropa, l-Indja, u r-reġjun usa', jżommu standards għoljin u jifih opportunitajiet kummerċjali ġodda kemm għan-negozji tal-UE kif ukoll għal dawk Indjani.

Eżempju ewlieni ta' din il-kollaborazzjoni strateġika huwa l-**Kuritur Ekonomiku bejn l-Indja, il-Lvant Nofsani u l-Ewropa (IMEC)**. Dan il-proġett għandu l-għan li jqajjem mill-ġdid ir-rotot kummerċjali storiċi Ewro-Asjatiċi billi jintegra l-infrastruttura marittima, ferrovjarja, diġitali, tal-enerġija u tal-idroġenu nadif. L-IMEC għandu l-għan li jidiversifika r-rotot kummerċjali, inaqqas id-dipendenzi strateġiċi, jippromwovi l-integrazzjoni reġjonali, u ktajjen tal-provvista li jibqgħu validi fil-futur, filwaqt li jiftaħ opportunitajiet ekonomiċi ġodda madwar l-Ewropa, l-Indja, l-Afrika, u lil hinn minnha.

L-UE hija impenjata li jkollha rwol ewlieni fl-IMEC, tinvesti permezz tal-Global Gateway u tikkoordina mas-sħab ta' Tim Ewropa, inkluż il-BEI, biex tappoġġa proġetti li jvarjaw **minn studji tal-fattibbiltà sal-iżvilupp tal-infrastruttura**. L-UE hija lesta li tikkoopera mal-Indja biex tippromwovi l-użu reġjonali ta' **infrastruttura diġitali** sigura u sostenibbli, inkluż networks 5G affidabbli siguri, kejbils sottomarini u terrestri u konnettività satellitari.

Fil-qafas tal-IMEC, l-UE qed tavvanza l-**Kuritur Diġitali UE-Afrika-Indja**, inkluża s-sistema tal-kejbil sottomarin Blue Raman ta' 11,700 km li tgħaqqad l-Ewropa mal-Indja permezz tal-Mediterran, il-Lvant Nofsani u l-Afrika tal-Lvant. Din l-inizjattiva tal-UE se tipprovd

konnettività tad-data b'veloċità għolja ħafna, sigura u diversifikata reżiljenti għat-tfixkil ikkawżat minn diżastri naturali jew atti ta' sabotaġġ.

Barra minn hekk, l-UE u l-Indja qed jikkollaboraw biex jiżviluppaw **Kurituri tat-Tbaħħir Ekoloġiku**, li se jsaħħu l-konnettività marittima sostenibbli, inaqqsu d-dipendenza fuq rotot b'intensità qawwija ta' karbonju u jasserixxu tmexxija konġunta fit-tiswir tal-istandards globali tal-kummerċ u tat-trasport.

b) Promozzjoni tal-kooperazzjoni f'pajjiżi terzi

Permezz tal-Ftehim Amministrattiv bejn l-UE u l-Indja ffirmat f'Ġunju 2025, is-sħab jagħmlu hilitom biex jinvestu b'mod konġunt fi proġetti li jappoġġaw it-tkabbir ekonomiku, l-impjiegi u l-iżvilupp sostenibbli f'pajjiżi terzi b'mod partikolari fl-Afrika u fin-Nofsinhar tal-Asja. Din il-kollaborazzjoni se tisfrutta l-punti b'saħħithom komplementari tal-UE, l-Indja, u s-setturi privati tagħhom biex timmassimizza l-impatt fuq il-post u tfitteż li tiżviluppa mekkaniżmi innovattivi ta' finanzjament ibbażati fuq is-suq. Din **tista' tinvolvi sħab oħra tal-istess fehma**. Tali kooperazzjoni hija dejjem aktar kruċjali fid-dawl taċ-ċaqliq tax-xenarju tal-ġajjnuna u ż-żieda ta' mudelli alternattivi ta' żvilupp.

Il-proġetti ta' **kooperazzjoni trilaterali futuri** jistgħu jiffukaw fuq setturi identifikati b'mod reċiproku bħall-infrastruttura tal-enerġija nadifa, il-mobbiltà ekoloġika, u d-diġitalizzazzjoni. L-UE u l-Indja qablu wkoll li jużaw b'mod konġunt infrastrutturi pubbliċi diġitali f'pajjiżi terzi li jaħdmu bla xkiel mas-sistemi tal-UE u tal-Indja.

L-inizjattivi li għaddejjin bħalissa juru kif il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Indja tista' twassal benefiċċji tanġibbli għas-sħab. Pereżempju, l-UE u l-Indja jikkondividu l-għan li jagħmlu t-teknoloġija tal-enerġija solari aktar aċċessibbli u affordabbli madwar id-dinja permezz tal-**Alleanza Solari Internazzjonali (ASI)**. L-UE qed tappoġġa l-programm tal-ASI dwar l-istrutturar ta' network internazzjonali ta' Ċentri ta' Riżorsi għat-Teknoloġija u l-Applikazzjoni Solari (STAR-C), li se jgħin biex tittejjeb il-kwalità tal-infrastruttura u jiġu promossi s-swieq għall-prodotti u s-servizzi tal-enerġija solari speċjalment fil-pajjiżi Afrikani l-inqas żviluppati.

L-UE se tkompli timpenja ruħha mal-**Koalizzjoni għall-Infrastruttura Reżiljenti għad-Diżastri** mmexxija mill-Indja biex tgħin fil-bini ta' sistemi ta' infrastruttura li jistgħu jifilħu għal xokkijiet klimatiċi fi stati gżejjer żgħir li qed jiżviluppaw madwar l-Oċean Paċifiku, il-Baħar tal-Karibew u l-Oċean Indjan. Inizjattiva reġjonali ġdida oħra se tuża l-**għodod satellitari Copernicus** biex tappoġġa l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri fin-Nofsinhar tal-Asja.

Sħubija ġdida **bejn l-UE u l-Indja dwar l-Assistenza Umanitarja** bbażata fuq prinċipji umanitarji rikonoxxuti internazzjonalment tippermetti liż-żewġ naħat jikkoordinaw aħjar l-azzjonijiet tagħhom fuq il-post.

c) It-tiswir ta' governanza globali effettiva

L-UE u l-Indja jirrikonoxxu li istituzzjonijiet globali effettivi huma meħtieġa biex jindirizzaw sfidi komuni u javvanzaw l-għanijiet kondiviżi ta' tkabbir sostenibbli u inklużiv, id-drittijiet tal-bniedem, u l-paċi u s-sigurtà. Fi żmien meta dawn l-istituzzjonijiet qed jiffaċċjaw pressjonijiet dejjem akbar, **koordinazzjoni mtejbja bejn l-UE u l-Indja fin-NU, il-G20 u fora**

oħra – inkluż permezz ta' konsultazzjonijiet regolari qabel avvenimenti maġġuri – issaħħaħ l-impatt kollettiv tagħna.

Iż-żewġ sħab jappoġġaw **ir-riforma tal-istituzzjonijiet multilaterali** biex jagħmluhom aktar rappreżentattivi u adatti għall-isfidi tal-lum. L-**inizjattiva UN80** tipprovdi pjattaforma biex tavvanza r-riforma u r-rivitalizzazzjoni tan-NU, filwaqt li tirrispetta l-prinċipji tagħha u timplimenta l-Patt għall-Futur. Il-Presidenza li jmiss tal-Indja tal-BRICS se tipprovdi opportunità lill-Indja biex tippromwovi l-liġi, in-normi u l-valuri internazzjonali f'fora internazzjonali.

L-UE u l-Indja jikkondividu interess f'sistema kummerċjali globali miftuħa, prevedibbli u bbażata fuq ir-regoli. Għalhekk, l-UE u l-Indja għandhom jaħdmu flimkien lejn riforma sinifikanti tal-**Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO)** biex jistabbilixxu governanza aktar effettiva u aġenda kummerċjali aġġornata bil-ħsieb li jindirizzaw aħjar id-distorsjonijiet ekonomiċi u l-frammentazzjoni li qed tikber. Peress li ż-żewġ sħab jikkondividu tħassib dwar id-distakk fil-finanżjament għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs, Sustainable Development Goals), hemm opportunità biex jingħaqdu flimkien biex jibnu **arkitettura finanzjarja internazzjonali aktar inklużiva u effiċjenti**, il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi mis-sorsi kollha filwaqt li jitmexxew 'il quddiem ir-riformi tal-Bank Multilaterali tal-Iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-Impenn ta' Sevilja.

Jenħtieġ li l-UE u l-Indja jikkooperaw biex jimplimentaw il-**Ftehim ta' Pariġi**, inklużi impenji suċċessivi li saru mill-Konferenza tal-Partijiet (COP, Conference of the Parties) għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima, u jkomplu jżidu l-ambizzjoni tagħhom ta' dekarbonizzazzjoni permezz ta' kontributi determinati fil-livell nazzjonali fl-ekonomija kollha, li jinkludu l-gassijiet serra. L-UE tilqa' d-dimostrazzjoni ta' tmexxija bl-intenzjoni tal-Indja li tospita l-COP33 fl-2028. Filwaqt li jibnu fuq il-ftehim tal-G20 taħt il-presidenza tal-Indja biex tittriplika l-kapaċità globali tal-enerġija rinnovabbli, iż-żewġ sħab jenħtieġ li jaċċelleraw b'mod konġunt l-azzjoni multilaterali dwar it-**tranżizzjoni lejn enerġija nadifa**, inkluż fil-qafas tal-Forum Globali dwar it-Tranżizzjonijiet tal-Enerġija, il-Grupp ta' Tmexxija għat-Tranżizzjoni tal-Industrija u l-Alleanza Globali tal-Bijofjuwils, u jixprunaw inizjattivi multilaterali mmirati lejn l-**eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili**.

L-UE se timpenja ruħha wkoll mal-Indja biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-**Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal** u l-Aġenda Globali dwar l-Ilma, tippromwovi l-adozzjoni ta' **Trattat Globali dwar il-Plastik** vinkolanti, u l-iskambju dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali, inkluż dwar it-tbaħħir illegali tal-iskart. L-UE u l-Indja esprimew ir-rieda li jikkooperaw fl-implimentazzjoni tal-**Qafas tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali b'Emissjonijiet Żero Netti** għad-dekarbonizzazzjoni tat-tbaħħir internazzjonali.

L-UE tfittex aktar kooperazzjoni mal-Indja dwar il-governanza tal-oċeani, inkluż permezz ta' **Djalogu dwar l-Oċeani u s-Sajd**, biex tippromwovi l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi, tipproteġi l-bijodiversità tal-baħar, u tavvanza r-ratfika u l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Bijodiversità lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali, kif ukoll id-deżinjazzjoni ta' żoni tal-baħar protetti ġodda (MPAs) fl-Oċean tan-Nofsinhar. L-UE tilqa' wkoll l-isforzi konġunti fil-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan, l-adeżjoni potenzjali tal-Indja mal-Ftehim dwar

il-Miżuri tal-Istat tal-Port dwar is-Sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Regolat (IUU, Illegal, Unreported and Unregulated fishing), u l-finalizzazzjoni ta' regoli addizzjonali skont il-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji tas-Sajd.

L-UE u l-Indja se jkomplu jappoġġaw lill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), jaħdmu flimkien biex jiksbu kopertura universali tas-saħħa u jikkooperaw fuq **l-Inizjattiva l-ġdida tal-UE għar-Reżiljenza tas-Saħħa Dinjija**. Huma se japprofondixxu wkoll il-kooperazzjoni biex jindirizzaw **il-ġuħ globali u l-insigurtà tal-ikel** permezz ta' inizjattivi multilaterali bħall-Alleanza Globali Kontra l-Ġuħ u l-Faqar.

Billi jikkoordinaw mill-qrib fil-pjattaformi globali ta' **governanza tal-IA**, l-UE u l-Indja jistgħu jiddefendu b'mod aktar effettiv approċċ responsabbli u ċċentrat fuq il-bniedem għall-IA. L-UE tinsab lesta li taħdem mal-Indja għal summit ta' suċċess dwar l-IA ospitat mill-Indja fi Frar 2026.

L-UE tistenna b'interess l-impenn kontinwu mal-Indja dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem b'mod bilaterali u fil-kuntest multilaterali. L-UE tilqa' l-wegħdiet tal-Indja bħala kandidat għas-sħubija fil-**Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU**. Il-kooperazzjoni mal-Indja fin-NU u fora multilaterali oħra għandha tkompli tapprofondixxi **l-istabbiltà fiċ-ċiberspazju**, l-implimentazzjoni tal-qafas tan-NU ta' mgħiba responsabbli tal-istat fiċ-ċiberspazju, u approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-**ġlieda kontra t-terroriżmu**. L-UE se tkompli tikkoordina mal-Indja dwar miżuri ta' trasparenza u bini ta' fiduċja fl-**ispazju ekstrasferiku**, fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma Miftuħ tan-NU dwar il-Prevenzjoni ta' Tellieqa tal-Armi fl-Ispazju Ekstrasferiku. Hija se tkompli timpenja ruħha mal-Indja dwar ir-rispett tal-**qafas multilaterali dwar in-nonproliferazzjoni, id-diżarm u l-kontroll tal-armi** u se tinkoraġġixxi lill-Indja biex taderixxi ma' trattati ewlenin bħat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari, it-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari, u t-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi.

5. FAĊILITATURI BEJN IL-PILASTRI

Il-faċilitaturi tal-pilastri kollha huma essenzjali. Dawn jinkludu l-mobbiltà tal-ħiliet, l-iskambji tal-ġarfen, l-involvement tan-negożju, u l-kooperazzjoni istituzzjonali, biex tiġi massimizzata l-interazzjoni, jiġi promoss il-fehim reċiproku, u jiġu żgurati konsistenza u impatt akbar fl-inizjattivi ekonomiċi, teknoloġiċi, tas-sigurtà u globali. Billi jservu bħala t-tessut konnettiv tas-sħubija, dawn il-faċilitaturi se jagħmluha aktar integrata, reżiljenti, u kapaċi tindirizza l-isfidi attwali u futuri.

a) Espansjoni tal-mobbiltà tal-ħiliet

Il-mobbiltà bejn l-Indja u l-UE kibret b'mod kostanti, u saħħet l-ekonomiji, it-turiżmu, u r-rabtiet bejn il-persuni. Fl-2023, 825 000 ċittadin Indjan għexu fl-UE, l-akbar grupp li rċieva Karti Blu tal-UE u permessi ta' trasferiment intraazjendali. L-Indjani huma wkoll grupp ewlieni ta' studenti, riċerkaturi, u akkadeimiċi tal-Erasmus Mundus. L-ivvjaġġar sar aktar faċli, bi kważi miljun viża ta' Schengen maħruġa fl-Indja fl-2024, ħafna minnhom viżi għal soġġorn qasir għal dħul multiplu.

Iż-żewġ sħab għandhom l-għan **li jimmaniġġaw il-migrazzjoni b'mod sensibbli** – jindirizzaw il-flussi illegali filwaqt li jappoġġaw il-mobbiltà b'bilanċjata tat-talenti li taqdi l-prijoritajiet tal-iżvilupp tal-Indja u l-ħtiġijiet ekonomiċi tal-UE, kif deskritt fid-Djalogu ta' Livell Għoli bejn l-UE u l-Indja u l-Aġenda Komuni dwar il-Migrazzjoni u l-Mobbiltà. Data aħjar, kondivizzjoni tal-informazzjoni, żvilupp tal-ħiliet u tqabbil aħjar, flimkien ma' appoġġ għal parteċipanti ġodda se jgħinu biex jinbena network dejjiemi ta' talent.

L-UE qed tikkollabora mal-Indja biex tniedi **l-ewwel Uffiċċju pilota ta' Gateway Legali** fl-Indja, ċentru uniku biex jipprovdi informazzjoni u jappoġġa l-moviment tal-ħaddiema lejn l-UE, li jibda mis-settur tal-ICT. Il-Kummissjoni qed tikkoordina mal-Istati Membri u l-industrija biex tiżgura tnedija rapida u allinjata mas-suq. L-inizjattiva tindirizza l-ostakli operazzjonali, twieġeb għal domanda qawwija, u tista' tespandi għall-ħiliet diġitali fl-IA, fid-data, fil-kwantistika u fis-supercomputing.

Flimkien mal-qafas kummerċjali u ta' investiment li l-FTA huwa mistenni li johlq, l-UE u l-Indja, bl-involviment tal-Istati Membri interessati, jistgħu jiżviluppaw **qafas komprensiv ta' kooperazzjoni dwar il-mobbiltà** biex jissimplifikaw il-migrazzjoni legali, jappoġġaw l-iżvilupp tal-ħiliet, iqabblu l-oqfsa tal-ħiliet u l-kwalifiki u jiffaċilitaw il-moviment ta' ħaddiema tas-sengħa, professjonisti żgħażaġħ u ħaddiema stagġonali f'setturi b'nuqqas ta' ħaddiema. **L-istrateġija tal-viża li jmiss tal-UE** se tippreżenta wkoll azzjonijiet biex tiffaċilita l-mobbiltà tal-aqwa studenti, riċerkaturi, u ħaddiema tas-sengħa.

L-UE u l-Indja jistgħu jespandu **l-iskambji ta' studenti, akkademiċi u riċerkaturi** permezz ta' inizjattivi bħall-Unjoni tal-Ħiliet, Erasmus +, inklużi l-Programmi ta' Master Konġunti Erasmus Mundus, u l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA), flimkien ma' programmi ta' finanzjament Indjani. Inizjattivi ġodda bħall-proġett pilota "Choose Europe for Science" u l-mekkaniżmu ta' kofinanzjament tal-Kunsill Indjan għar-Riċerka Xjentifika u Industrijali se jagħtu spinta lill-kollaborazzjoni. L-UE se torganizza wkoll **fieri ta' studju** fl-Indja permezz tal-inizjattiva "Studju fl-Ewropa".

L-istituzzjonijiet Indjani jistgħu jingħaqdu ma' **Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali tal-Erasmus +** bħala sħab assoċjati, filwaqt li l-parteċipanti tal-UE għandhom jiksbu aċċess aktar faċli għall-mobbiltà, il-boroż ta' studju u l-programmi edukattivi Indjani. Fil-qasam tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, l-UE tista' taqsa l-esperjenza tagħha mal-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati bħala tip ta' inizjattiva biex tippromwovi standards ta' kwalità għolja għall-**apprendistati**.

Sabiex l-edukazzjoni Ewropea ssir aktar attraenti għall-aqwa studenti Indjani, hija meħtieġa kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet biex jiġi ffaċilitat ir-**rikonoxximent tal-kwalifiki** u l-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż. Dan se jappoġġa l-kollaborazzjoni sistemika fl-edukazzjoni għolja u vokazzjonali, li tippermetti programmi konġunti, kampusijiet satellitari, u taħriġ lingwistiku fl-Indja.

L-UE se tibda **Djalogu dwar l-Edukazzjoni u l-Ħiliet** fil-livell politiku li se jlaqqa' flimkien lil daww li jfasslu l-politika, lill-awtoritajiet tal-assigurazzjoni tal-kwalità, lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni, u lin-negozji tat-taħriġ miż-żewġ naħat, filwaqt li tippromwovi fluss bla xkiel

ta' talent lejn setturi b'nuqqas ta' ħaddiema. L-UE qed tesplora wkoll leġislazzjoni biex tistabbilixxi regoli komuni għar-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-ħiliet ta' pajjiżi terzi.

b) Il-promozzjoni tal-fehim reċiproku

Il-fehim reċiproku fost l-istituzzjonijiet, dawk li jfasslu l-politika, u l-pubbliku ġenerali għandu jiġi promoss permezz ta' inizjattivi fl-oqsma tar-riċerka tal-politika, is-sensibilizzazzjoni edukattiva, u d-diplomazija kulturali.

Il-promozzjoni tar-riċerka dwar l-Indja kontemporanja fl-Ewropa u dwar l-UE fl-Indja se tgħin biex tapprofondixxi l-għarfien, tinforma teħid ta' deċiżjonijiet aħjar u ssaħħa is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku. **L-azzjonijiet Jean Monnet** taħt il-programm Erasmus + huma strument importanti għall-promozzjoni tat-tagħlim, l-apprendiment, ir-riċerka u d-dibattiti dwar diversi aspetti tal-UE.

L-UE se tistabbilixxi network ġdid iddedikat, in-Network **Jean Monnet għall-Indja** taħt Erasmus+, li jlaqqa' flimkien istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u korpi rilevanti oħra. Inizjattivi oħra – bħal proġetti ffinanzjati minn Orizzont jew laqgħat annwali ta' akkademiċi u esperti Ewropej dwar l-Indja – jistgħu jiġu previsti biex jgħinu fil-promozzjoni tal-fehim Ewropew tal-Indja.

Il-ħolqien ta' **pjattaformi kollaborattivi** biex jingħaqdu **gruppi ta' riflessjoni u istituzzjonijiet akkademiċi** ewlenin – li jkopru ż-żewġ reġjuni – jipprovdu opportunitajiet strutturati għal djalogu dwar l-aġenda strateġika l-ġdida. Kollaborazzjonijiet bħal dawn jistgħu jiġġeneraw diskussjonijiet regolari madwar mejda u jipproduċu dokument ta' sintesi biex jappoġġaw it-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza. Iż-żewġ sħab għandhom jimpenjaw ruħhom għal parteċipazzjoni regolari ta' livell għoli **fid-Djalogi Track 1.5**.

L-għarfien espert professjonali jista' jissaħħa permezz ta' skambji bejn diplomatiċi fil-bidu tal-karriera u inizjattivi ġodda **għaż-żgħażaġh** biex jippromwovu l-kuntatti bejn il-mexxejja emerġenti u l-professjonisti żgħażaġh.

Fl-aħħar nett, **id-diplomazija kulturali u bbażata fuq il-lingwa** tibqa' pedament ta' fehim reċiproku. Iż-żewġ sħab jistgħu jespandu inizjattivi bħall-Festival tal-Films tal-UE u l-festival “Long Nights of Literature”, li jinkludu awturi, artisti, u skambji kulturali interattivi..

c) Involvement tal-komunitajiet tan-negozju

Is-settur privat għandu rwol kritiku fil-ħolqien ta' ambjent favur in-negozju u favur il-kummerċ u fl-ixprunar ta' relazzjonijiet eqreb bejn l-UE u l-Indja. Dan jeħtieġ interazzjoni aktar b'saħħitha bejn il-kumpaniji tal-UE u dawk Indjani, u bejn il-kumpaniji u dawk li jfasslu l-politika.

Il-Federazzjoni tan-Negozju Ewropew fl-Indja (FEBI, Federation of European Business in India) twaqqfet fl-2024, u serviet bħala vuċi waħda tan-negozju tal-UE fl-Indja bl-għan li ttejjeb il-faċilità li jsir in-negozju permezz ta' rakkomandazzjonijiet ta' politika u promozzjoni ma' partijiet ikkonċernati tan-negozju u tal-gvern tal-UE u tal-Indja. Ir-rwol tal-FEBI u tal-assoċjazzjonijiet rispettivi Indjani tiegħu għandhom jissaħħu aktar.

F'dan ir-rigward, it-twaqqif ta' **Forum Kummerċjali bejn l-UE u l-Indja** jista' jipprovdi perspettivi kummerċjali siewja biex jinforma t-tfassil tal-politika favur it-tkabbir. Laqgħat

annwali regolari – li jsiru qabel summits bilaterali u fora ewlenin bejn l-UE u l-Indja – kif ukoll konsultazzjoni akbar tal-kumpaniji fil-fergħat ta' ħidma tat-TTC, jimmassimizzaw l-adozzjoni mis-suq tal-inizjattivi bejn l-UE u l-Indja.

Iż-żjarat tad-delegazzjonijiet tal-industrija li jinvolvu assoċjazzjonijiet tas-settur privat għandhom jiġu mhegħa wkoll.

d) It-tisħiħ tal-arkitettura istituzzjonali

L-arkitettura istituzzjonali tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Indja għandha tissaħħa biex tappoġġa din l-aġenda strateġika komprensiva ġdida.

Is-Summit UE-Indja, li jipprovdi l-ogħla livell ta' sorveljanza fuq l-aġenda strateġika konġunta, għandu jsir kull sena. **Kumitat konġunt ta' implimentazzjoni** fil-livell ta' uffiċjali għolja jirrapporta lill-mexxejja qabel is-Summit annwali biex jappoġġa t-tweqqif tal-impenji konġunti.

Il-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija (TTC), li jiltaqa' kull sena fil-livell ministerjali, jissorvelja l-prosperità, is-sigurtà ekonomika u s-sostenibbiltà, kif ukoll l-affarijiet tat-teknoloġija u l-innovazzjoni, fil-pilastri 1 u 2, u **d-Djalogu Strateġiku** se jissorvelja l-kooperazzjoni dwar is-sigurtà u d-difiża, u kwistjonijiet reġjonali u globali, fil-pilastri 3 u 4.

It-TTC ipprova pjattaforma ta' koordinazzjoni biex jindirizza l-isfidi ewlenin tal-kummerċ, tat-teknoloġija u tas-sigurtà. Sabiex jiġi żgurat li t-TTC ikollu rwol ta' tmexxija effettiv fl-avvanz ta' aġenda strateġika usa', l-UE u l-Indja għandhom jikkunsidraw li **jagħornawha billi jwessgħu il-parteciċipazzjoni**, jintroduċu proċess ta' uffiċjali għolja biex iħejju sessjonijiet ministerjali u **jinkorporaw dimensjoni kummerċjali**.

Mekkaniżmi ministerjali ddedikati jipprovdu gwida strateġika f'setturi speċifiċi koperti mill-aġenda strateġika, filwaqt li ż-żewġ sħab jistgħu jistabbilixxu **djalogi ġodda** f'oqsma bħall-politika agroalimentari, l-avjazzjoni, id-diversifikazzjoni tal-importazzjoni tal-enerġija, l-edukazzjoni u l-ħiliet, l-oċeani u s-sajd, u l-ispazju. Il-membri tal-Kummissjoni huma impenjati li jżidu **l-kuntatti bilaterali** mal-kontropartijiet Indjani tagħhom, inkluż f'fora internazzjonali.

L-UE u l-Istati Membri tagħha – kemm jista' jkun fi ħdan approċċ ta' Tim Ewropa li tinkludi l-komunità tan-negozju – għandhom iwessgħu wkoll **is-sensibilizzazzjoni għat-28 stat u t-tmien territorji tal-Unjoni tal-Indja**.

IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

Din il-Komunikazzjoni Konġunta tistabbilixxi viżjoni politika pożittiva u ambizzjuża. Filwaqt li tibni fuq id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Mexxejja tal-2025, hija tippreżenta pakkett sostanzjali ta' proposti u inizjattivi konkreti li jistgħu jgħollu s-sħubija għal livell ogħla u jkollhom **impatt trasformattiv** u ta' benefiċċju reċiproku.

Filwaqt li tibni fuq dawn il-proposti, l-UE tinsab lesta li taħdem mal-Indja fuq l-iżvilupp ta' **Aġenda Strateġika Komprensiva Konġunta bejn l-UE u l-Indja** li tista' tiġi adottata fis-Summit li jmiss bejn l-UE u l-Indja. L-UE tistenna b'interess l-impenn tal-Indja u l-passi

konkrete f'dan il-proċess, filwaqt li tiżgura li tkun **immexxija minn prioritajiet kondiviżi**, azzjonijiet konkreti, u eżiti li jistgħu jitkejlu.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma mistiedna jappoġġaw l-aġenda strateġika l-ġdida ppreżentata f'din il-Komunikazzjoni Konġunta.